# Il-Fjuretti ta' Dun Sant



minn **Maria Consiglia Abdilla**

Fil-festa dort dawra mal-knisja l-aktar biex nara x-xogħol ta' l-idejn fuq il-bizzilla tat-triehi ta' l-altari u għajnejja weħlu fuq il-bukketti tal-granutilla li kien hemm armati fuq l-altar tal-Madonna tar-Rużarju. Jidhru li għaddew ħafna annati minn fuqhom! Sirt naf ukoll li dawn il-bukketti jsibuhom bħala *l-fjuretti ta' Dun Sant*. Dan qanqal kurżità fija biex inkun naf iżjed fuqhom. Tkixxift u staqsejt u aktar milli ssodisfajt il-kurżità tiegħi.

Sirt naf li l-bukketti tal-granutilla li kien hemm fuq l-altar tar-Rużarju, fl-antik kienu jintramaw fuq il-maġġur. Kien jintrama wkoll bukkett bħalhom fuq waħda mill-gredenzini li hemm ħdejn il-maġġur. Maż-żmien dawn twarrbu, imma xi ħadd dan l-aħħar ħa ħsieb biex jiġu rrestawrati u llum dawn il-bukketti jżejnu l-altar li semmejna fil-festa. Kelli nkun naf ukoll li sew dawn il-bukketti, dak ta' fuq il-gradenzina u dawk li jintramaw fuq l-altar tal-Madonna taċ-Ċintura fil-festa tagħha nħadmu minn id waħda u l-persuna li ħadmithom kienet persuna mir-raħal: Marianna Agius. Irrid inżid li ma sibt ebda dokumentazzjoni biex insaħħaħ dan it-tagħrif; imma ħdimt mod ieħor u naħseb li rnexxieli. Kont naf li familji mir-raħal kellhom xi xogħol tal-granutilla maħdum minn Marianna Agius. Mort narah u meta qabbilt ix-xogħol li rajt għand dawn il-familji żgurajt ruħi li x-xogħol li hemm fil-knisja nħadem mill-istess persuna li ħadmet ix-xogħol li għandhom dawn il-familji, jiġifieri nħadem minn Marianna Agius.

## Imma min kienet din Marianna Agius?

Fil-25 ta' Jannar 1838, lill-koppja Giovanni Zammit u Giovanna Rosa Cassar twelditilhom l-ewwel tarbija: tifla, li semmew Marianna. Warajha ġew oħrajn: Eleonora (Dianora), Francesco, Febeita, Katerina, Gregorio u Paulina. Bħalma nistgħu nissoponu, Marianna, il-kbira fost l-aħwa kellha tgħin f'kull xogħol li seta' jinqala' fid-dar. Nista' nimmaġinaha tieħu ħsieb ħutha sa minn ċkunitha. Aktar ma kibret, aktar bdew jintefgħu responsabbiltajiet fuqha. Barra mill-kura ta' ħutha, kellha tgħin fix-xogħol tad-dar u kultant anke fix-xogħol tar-raba'. U hekk Marianna kibret imkissra sewwa f'dak kollu li kienet titlob minnha l-ħajja ta' dak iż-żmien.





Dun Santo Agius

Barra mit-taħbit u x-xogħol tad-dar, Marianna kellha tassisti għall-mewt ta' tlieta minn ħutha f'età żgħira: Katarina (4 snin), Gregorio (sentejn) u Feliċita (21 sena). F'dak iż-żmien ma kien hawn imkien fejn wieħed seta' jmur jitgħallem xi ħaġa (it-tagħlim fl-iskola beda fl-1861) u għalhekk ma neħodhiex bi kbira li ħafna la kienu jafu jaqraw u lanqas jiktbu, u ma nistagħġibx li Marianna kienet waħda minn dawn it-talin. Imma dak li ma setgħetx titgħallem b'mod, pattiet għalih mod ieħor. Marianna kienet tinqala' ħafna għax-xogħol ta' l-idejn. Fost kollox kienet nissieġa tajba u taf taħdem sewwa l-granutilla.






Marianna kibret u fis-17 ta' Ġunju 1860 żżewġet lil Leonardo Agius, iben Santu u Katerina Schembri. L-ewwel tarbija li twieldet lil din il-koppja ġdida kien tifel u semmewh Santu, għal missier Leonardo. It-tieni tarbija kienet tifla u semmewha Katerina - għal omm Leonardo u għal oħtha li mietet f'età żgħira. Maż-żmien ġew Giovanna, msemmija għall-ġenituri ta' Marianna, Ġużeppi, Pawlina u Feliċita: ismijiet li fakkruha fl-għeżież tagħha mejtin.

Il-familja ta' Marianna kibret. Santu sar qassis: dak il-bniedem li ma tmeżmiżx jibni skola għat-tfal tar-raħal u miet midjun. Giovanna żżewġet lil Agostino Magro. Binha Mattew ukoll sar qassis. Dan miet ta' 31 sena.

Ma jistax jonqos li għall-festa ta' l-ewwel quddiesa ta' binha Santu, Marianna ma ħadmitx xi bukkett biex iżżejjen l-altar maġġur. U hawn jidħlu l-bukketti li semmejt aktar 'il fuq u li jsibuhom bħala *l-fjuretti ta' Dun Sant*.

Marianna mietet fil-11 ta' Diċembru 1913 imdawra minn uliedha kollha u assistita minn binha Dun Sant.

Nirringrazzja minn qalbi lil kull min għeni biex nikseb dan it-tagħrif.


# Scicluna Florist

*Bronja Street, Żurrieq*

*Specializes in: Arrangements for Weddings, Engagements Parties, Funerals, Souvenirs, Invitations Tulle & Accessories for all occasions.*

**Tel: 2164 9621, 2167 6252**